MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 671/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Bandoh Harold**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, erba' mija u hamsin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,450.24), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1015680 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Settembru 2007 u Frar 2008.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, erba' mija u hamsin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,450.24), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------